

Paġna ewlenija > Kwistjonijiet tal-familja u wirt > Wirt > Suċċessjonijiet Suċċessjonijiet

Franza

L-iskeda informattiva ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Nutara tal-UE (CNUE)

1 Kif titfassal dispożizzjoni dwar it-tqasim tal-beni (testment, testament konġunt, ftehim dwar is-suċċessjoni) malli jmut xi ħadd?

F'sitwazzjoni transfruntiera, testament ikun validu jekk ikun konformi mal-liġi tal-pajjiż fejn ikun sar.

Il-kundizzjonijiet bażiċi fi Franza

- Il-persuna li tkun qed tagħmel it-testment (it-testatur) irid ikollha l-fakultajiet mentali (l-Artikolu 901 tal-Kodiċi Ċivili (*code civil*)).
- It-testatur irid ikollu l-kapaċità ġuridika (l-Artikolu 902 tal-Kodiċi Ċivili).
- Japplikaw dispożizzjonijiet speċjali għal persuni protetti mil-liġi: għalhekk, minorenni taħt is-16-il sena ma jistax jagħmel testament (l-Artikolu 903 tal-Kodiċi Ċivili) u l-adulti taħt kurazija jrid ikollhom l-awtorizzazzjoni tal-qorti jew Bord tal-familja (l-Artikolu 476 tal-Kodiċi Ċivili). Il-persuni taħt kurazija (*curatelle*) jistgħu jagħmlu testament (l-Artikolu 470 tal-Kodiċi Ċivili) skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 901.

Ir-rekwiżiti formali

Fi Franza, huma rikonoxxuti erba' tipi ta' testmenti:

- Testmenti olografiċi: it-testaturi jridu jiktubhom, jagħtuhom data u jiffirmawhom bil-miktub (l-Artikolu 970 tal-Kodiċi Ċivili).
- Testmenti quddiem nutar: iridu jsiru quddiem żewġ nutara jew nutar u żewġ xhieda (l-Artikolu 971 tal-Kodiċi Ċivili). Jekk it-testment isir quddiem żewġ nutara, jiġi ddetat lilhom mit-testatur innifsu. L-istess japplika jekk it-testment isir quddiem nutar wieħed biss. Fiż-żewġ każijiet, it-testment imbagħad jinqara lit-testatur (l-Artikolu 972 tal-Kodiċi Ċivili). It-testment irid jiġi ffirmat mit-testatur fil-preżenza tan-nutar u ż-żewġ xhieda (l-Artikolu 973 tal-Kodiċi Ċivili) u ffirmat ukoll min-nutar u x-xhieda (l-Artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili).
- Testmenti sigrieti: dawn jiġu stampati jew miktuba bl-idejn mit-testatur jew persuna oħra, iffirmati mit-testatur, imbagħad ippreżentati magħluqa u ssiġillati quddiem nutar fil-preżenza ta' żewġ xhieda (l-Artikolu 976 tal-Kodiċi Ċivili).
- Testmenti internazzjonali: dawn jiġu ppreżentati mit-testatur lin-nutar u żewġ xhieda, iffirmati minnhom u mbagħad mehmuża ma' ċertifikat imfassal min-nutar li se jirċevihom (Il-Konvenzjoni ta' Washington tas-26 ta' Ottubru 1973).

It-testaturi jistgħu jħassru t-testmenti tagħhom meta jridu skont l-Artikolu 895 tal-Kodiċi Ċivili.

Ftehimiet fuq suċċessjoni

Ftehimiet fuq suċċessjoni fil-prinċipju huma pprojbiti (l-Artikolu 722 tal-Kodiċi Ċivili).

Madankollu, minn Jannar 2007 ġie aċċettat li l-werrieta prospettivi (it-tfal) jistgħu jirrinunzjaw bil-quddiem għad-dritt tagħhom li jifflu kawża dwar interferenza fil-wirt tagħhom għall-benefiċċju ta' persun(i) li jistgħu jkun jew ma jkunx werrieta (aħwa jew id-dixxendenti tagħhom). Dan jinvolvi r-rinunzja bil-quddiem ta' kawża għal tnaqqis (l-Artikolu 929 tal-Kodiċi Ċivili). Biex tkun valida, ir-rinunzja trid tiġi mniżżla f'att ufficiali eżegwit minn żewġ nutara. Il-benefiċjarji tal-wirt (ara wkoll il-mistoqsija nru 3) iridu jiġu msemmija wkoll fil-ftehim.

Barra minn hekk, skont ir-regoli dwar id-divizzjoni *inter vivos* li tinkludi lin-neputijiet (*donation-partage trans-générationnelle*), il-werrieta prospettivi (it-tfal) jistgħu jifhemu li d-dixxendenti tagħhom stess jirċievu sehemhom sħiħ jew parti minnu minflokhom (l-Artikolu 1078-4 tal-Kodiċi Ċivili).

2 Id-dispożizzjoni għandha tkun irreġistrata u jekk iva, kif?

It-testamenti kollha, partikolarment it-testamenti olografiċi, jistgħu jiġu rreġistrati min-nutar fir-Reġistru Ċentrali ta' Testmenti (*Fichier central des dispositions de dernières volontés* - FCDDV). Li jiġi rreġistrat mhux il-kontenut ta' testament, iżda biss l-istat ċivili tal-persuna kkonċernata u d-dettalji tan-nutar li għandu t-testment fl-arkivji tiegħu. Ir-rwol tal-FCDDV huwa għalhekk li jidderieġi lill-applikant għand in-nutar li għandu t-testment u biex ma jikkifx il-kontenut tiegħu. Kulħadd jista' jikkonsulta lill-FCDDV, jekk jippreżenta ċertifikat tal-mewt jew dokument ieħor li huwa prova tal-mewt tal-persuna li t-testment tagħha huwa mffitex. L-applikant imbagħad irid ikellem lin-nutar li rreġistra t-testment. L-applikazzjoni ssir onlajn: <https://www.adsn.notaires.fr/fcddvPublic/profileChoice.htm>

In-nutar jista' jinforma biss lill-werrieta u lil-legatarji bil-kontenut ta' testament, sakemm mhux ordnat mod ieħor mill-imħallef presedenti tal-qorti reġjonali (*tribunal de grande instance*).

3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jiddisponi mill-beni wara l-mewt (pereżempju sehem riżervat)?

Skont il-liġi Franċiża, id-dixxendenti tad-*decurjus* biss (tfal, neputijiet, eċċ., sakemm ikun imiss lilhom) u l-konjuġi tad-*decurjus* meta ma jkunx hemm dixxendenti għandhom dritt għall-porzjon riservat.

L-axxendenti u l-qraba kollaterali ma għandhomx dritt għall-porzjon riservat.

Dawn id-drittijiet għall-porzjon riservat, li jillimitaw il-libertà ta' testatur li jiddisponi mill-patrimonju tiegħu kif jixtieq u jistgħu jvarjaw fil-valur skont kemm kellu tfal id-*decurjus* jew l-istat tal-werriet intitolat għall-porzjon riservat (tfal jew konjuġi), ma jistgħux jaqzbu tliet kwarti tal-patrimonju. Il-werrieta intitolati għall-porzjon riservat ma jistgħux jirrinunzjaw għalih (sakemm ma jirrinunzjawx għall-wirt). Madankollu, jistgħu, bil-quddiem, jirrinunzjaw għad-dritt li jifflu kawża għat-tnaqqis kontra rigali testamentarji eċċessivi (ir-rinunzja bil-quddiem ta' kawża għat-tnaqqis imsemmija fil-mistoqsija nru 1 b'raba mal-ftehimiet dwar is-suċċessjoni).

Għalhekk dawn il-werrieta jistgħu jinvokaw id-dritt tagħhom għall-porzjon riservat (l-Artikoli 721 u 912 tal-Kodiċi Ċivili).

- Il-porzjon riservat għat-tfal: nofs il-wirt jekk id-*decurjus* iħalli warajh wild wieħed, żewġ terzi jekk iħalli warajh żewġ itfal u tliet kwarti jekk iħalli warajh tliet itfal jew aktar (l-Artikolu 913 tal-Kodiċi Ċivili).
- Il-porzjon riservat għall-konjuġi superstiti: din hija ta' kwart tal-assi fil-wirt (l-Artikolu 914-1 tal-Kodiċi Ċivili). Tapplika biss jekk ma jkunx hemm dixxendenti jew axxendenti u għas-suċċessjonijiet li nfetħu mill-1 ta' Lulju 2002.

Il-proċedura għall-invokazzjoni tad-dritt għall-porzjon riservat

B'kawża għat-tnaqqis il-werrieta jistgħu jinvokaw id-dritt għall-porzjon riservat. Għalhekk, jekk rigal dirett jew indirett ixeċkel il-porzjon riservat ta' werriet minnhom jew aktar, ir-rigal jista' jitnaqqas mis-sehem disponibbli (mhux riservat) tal-wirt (l-Artikolu 920 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-kawża tista' ssir biss mill-verrieta intitolati għall-porzjon riservat fi żmien ħames snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew sentejn minn meta tinkixef l-interferenza (l-Artikolu 921 tal-Kodiċi Ċivili).

Kull werriet intitolat għall-porzjon riservat li bil-liġi li jkun laħaq l-età adulta jista' jirrinunzja bil-quddiem għad-dritt tiegħu li jiftaħ kawża għat-tnaqqis (l-Artikolu 929 tal-Kodiċi Ċivili). Din ir-rinunzja trid tiġi mniżżla f'att uffċjali eżegwit minn żewġ nutara. L-att irid jiġi ffirmat separatament minn kull parti li tkun qed tirrinunzja għad-drittijiet tagħha, fil-preżenza tan-nutara biss. Irid jindika b'mod preċiż il-konsegwenzi ġuridiċi futuri għal kull parti.

4 Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni malli jmut xi ħadd, min jiret u kemm?

Meta ma jkunx hemm testment, l-ordni tas-suċċessjoni huwa kif ġej skont il-liġi Franċiża:

- Jekk id-*decurjus* ma kienx miżżewweġ u kellu t-fal, il-wirt jgħaddi għand id-dixxendenti fishma ndaqis (l-Artikoli 734 u 735 tal-Kodiċi Ċivili).
- Jekk id-*decurjus* ma kienx miżżewweġ u ma kellux t-fal, il-wirt jgħaddi għand il-ġenituri tiegħu, ħutu u d-dixxendenti tagħhom (l-Artikolu 738 tal-Kodiċi Ċivili). Jekk id-*decurjus* ma kellux aħwa jew neputijiet, jirtu ommu u missieru, b'kull wieħed jirċievi nofs il-wirt (l-Artikolu 736 tal-Kodiċi Ċivili). Jekk l-omm u l-missier ikunu mietu qabel id-*decurjus*, jirtu ħutu jew id-dixxendenti tagħhom, bl-esklużjoni ta' qraba oħra, axxendenti jew fil-linja kollaterali (l-Artikolu 737 tal-Kodiċi Ċivili).
- Jekk id-*decurjus* ikun ħalla warajh il-konjuġi, id-drittijiet għall-proprjetà matrimonjali jridu jiġu trattati qabel il-wirt. Wara li tkun instabet soluzzjoni għad-drittijiet ġejjin mir-reġim tal-proprjetà matrimonjali, japplikaw ir-regoli li ġejjin:
- Jekk id-*decurjus* iħalli konjuġi u t-fal warajh, il-konjuġi jista' jagħmel bejn l-użufrutt (id-dritt li jgawdi mill-użu u mill-benefiċċji) tal-assi kollha eżistenti, jew is-sjeda ta' kwart tal-assi meta t-fal ikunu tal-koppja u s-sjeda ta' kwart meta jkun hemm wild jew aktar li ma jkunx tal-koppja (l-Artikolu 757 tal-Kodiċi Ċivili). Il-konjuġi jitqies li għażel l-użufrutt jekk imut mingħajr ma jkun għażel.
- Jekk id-*decurjus* ikun ħalla warajh konjuġi u axxendenti, nofs il-wirt jintret mill-konjuġi, kwartminn missieru u l-kwart l-ieħor minn ommu. Jekk wieħed mill-axxendenti jkun miet qablu, il-kwart tal-wirt jgħaddi lill-konjuġi (l-Artikolu 757-1 tal-Kodiċi Ċivili).
- Jekk ma jkunx hemm axxendenti jew dixxendenti, il-wirt kollu jintret mill-konjuġi superstiti (l-Artikolu 757-2 tal-Kodiċi Ċivili). Minkejja l-Artikolu 757-2 tal-Kodiċi Ċivili, meta ma jkunx hemm axxendenti, l-aħwa tad-*decurjus* jew id-dixxendenti tagħhom jirtu nofs l-assi in natura inklużi fil-wirt, assi li jkun irċieva d-*decurjus* mill-axxendenti tiegħu minn suċċessjoni jew bħala rigal. Dan huwa d-dritt bil-kontra (l-Artikolu 757-3 tal-Kodiċi Ċivili). L-assi l-oħra jintirtu mill-konjuġi superstiti.

Sħab fi sħubija rreġistrata

Is-sieħeb li jibqa' ħaj fi sħubija rreġistrata ma għandux dritt legali biex jiret. Madankollu, jista' jirċievi legat.

B'hekk is-sieħeb rreġistrat mhux meqjus bħala l-verriet tad-*decurjus*. Is-sħab rreġistrati għandhom biss dritt temporanju u gratuwitu ta' sena biex jużaw u jgawdu d-dar matrimonjali (u l-għamara ta' ġo fiha) wara l-mewt tas-sieħeb tagħhom, sakemm din kienet id-dar prinċipali tagħhom li fiha verament kienu jgħixu qabel il-mewt tiegħu, skont l-Artikolu 515-6 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk huwa jiret biss jekk jiġi msemmi bħala werriet fit-testment.

F'każ ta' t-fal, kemm jekk ikunu tal-koppja u kemm jekk le, is-sehem mhux riservat biss jista' jintret mis-sieħeb superstiti. Is-sehem disponibbli tal-patrimonju jvarja skont in-numru ta' t-fal: terz mill-partimonju jekk ikun hemm żewġ itfal, kwart jekk ikun hemm tlett itfal jew aktar (ara l-informazzjoni iktar 'il fuq).

Meta ma jkunx hemm t-fal, il-patrimonju kollu jista' jintret mis-sieħeb superstiti jew minn terza persuna, minħabba li ma jkunx hemm werrieta intitolati għall-porzjon riservat. Madankollu, meta l-ġenituri tad-*decurjus* ikunu għadhom ħajjin, huma jistgħu jitolbu l-irkupru tal-assi li jkunu taw lit-tifel mejjet tagħhom, sa massimu ta' kwart tal-wirt għal kull ġenitur ħaj (l-Artikolu 738-2 tal-Kodiċi Ċivili).

5 Liema tip ta' awtorità hija kompetenti:

5.1 fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni?

Fi Franza, il-kwistjonijiet ta' suċċessjoni jieħdu ħsiebhom in-nutara. L-involvement tagħhom huwa obligatorju jekk il-wirt ikun jinkludi proprjetà immobbli. Jekk ma jkunx hemm proprjetà immobbli l-involvement huwa fakultattiv.

In-nutar ifassal l-ordni ta' trasferiment tal-proprjetà f'dikjarazzjoni statutorja (*acte de notoriété*) u ċ-ċertifikati tal-proprjetà immobbli li jirreġistraw it-trasferiment tal-proprjetà immobbli wara l-mewt. Huwa jassisti lill-eredi bl-obbligi tat-taxxa tagħhom (it-tfassil u r-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni tas-suċċessjoni fiż-żmien rikjest u l-ħlas tat-taxxa fuq is-suċċessjoni). Jekk in-natura tal-assi tippermetti u skont in-numru ta' werrieta u x-xewqat tagħhom, in-nutar jaqsam l-assi bejn il-verrieta, u jħejji att ta' diviżjoni (*acte de partage*).

F'każ ta' tilwim, il-qorti reġjonali tal-post fejn tinfetaħ is-suċċessjoni għandha l-ġuriżdizzjoni esklussiva materjali u territorjali.

5.2 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tas-suċċessjoni?

Ir-reġistru tal-qorti reġjonali tal-post fejn tinfetaħ is-suċċessjoni huwa kompetenti biex jirċievi dikjarazzjonijiet ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tal-wirt sal-ammont tal-assi netti tal-wirt.

Ma huma meħtieġa l-ebda formalitajiet speċjali jekk is-suċċessjoni tiġi aċċettata mingħajr il-benefiċċju tal-inventarju.

5.3 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tal-legat?

Ir-reġistru tal-qorti reġjonali tal-post fejn tinfetaħ is-suċċessjoni jirċievi rinunzji ta' legati universali u legati b'titolu ġenerali. Skont il-liġi Franċiża l-ebda dikjarazzjoni mhi meħtieġa għal rinunzji ta' legati individwali.

5.4 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja u aċċettazzjoni ta' sehem riżervat?

Id-dritt ta' werriet li jaċċetta jew jirrinunzja wirt ma jistax jinqasam. Ikopri l-wirt sħiħ u għalhekk ma jistax jiġi limitat għall-porzjon riservat.

Madankollu, il-verrieta jistgħu jirrinunzjaw għat-tnaqqis tar-rigali testamentarji li jinterferixxu mal-porzjon riservat tagħhom.

6 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura biex issir suċċessjoni skont il-liġi nazzjonali, inkluż kif issir il-likwidazzjoni tal-patrimonju u kif jinqas l-assi (din tinkludi informazzjoni dwar jekk il-proċedura ta' suċċessjoni tinbeda minn qorti jew minn awtorità kompetenti oħra fuq inizjattiva tagħha stess)

Is-suċċessjoni tinfetaħ mal-mewt, fl-aħħar post ta' residenza tad-*decurjus*.

Mal-mewt, il-verrieta għandhom tliet għażliet: li jaċċettaw il-wirt mingħajr kundizzjonijiet, li jaċċettaw il-wirt sal-valur tal-assi netti jew li jirrinunzjaw għall-wirt.

L-aċċettazzjoni mingħajr kundizzjonijiet tista' tkun espressa jew taċita (l-Artikolu 782 tal-Kodiċi Ċivili). Tkun taċita meta l-verriet jieħu miżuri li juru biċ-ċar il-ħsieb tiegħu li jaċċetta s-suċċessjoni u li jista' jagħmel hekk biss fil-kapaċità tiegħu bħala werriet li jaċċetta l-wirt (l-Artikolu 783 tal-Kodiċi Ċivili).

L-aċċettazzjoni tal-wirt sal-valur tal-assi netti teħtieġ dikjarazzjoni quddiem ir-reġistru tal-qorti reġjonali li fil-ġuriżdizzjoni tagħha tkun infetħet is-suċċessjoni (l-Artikoli 787 u 788 tal-Kodiċi Ċivili). Id-dikjarazzjoni tiġi akkumpanjata jew segwita mill-inventarju tal-wirt fi żmien massimu ta' xahrejn. L-inventarju jrid jifassal minn nutar, irkantatur jew bailiff (l-Artikolu 789 tal-Kodiċi Ċivili). Fin-nuqqas ta' inventarju, il-wirt jitqies li ġie aċċettat mingħajr kundizzjoni (l-Artikolu 790 tal-Kodiċi Ċivili). L-inventarju jrid ikopri l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha inklużi fil-wirt.

L-aċċettazzjoni ta' wirt bil-benefiċċju tal-inventarju tippermetti li werriet jiżgura li l-proprjetà personali tiegħu ma tifhallatx mal-wirt, biex iżomm, kontra l-wirt, id-drittijiet kollha li kellu qabel fuq il-proprjetà tad-*decurjus* u biex ikun responsabbli biss għad-dejn fuq il-wirt sal-valur tal-proprjetà li jirċievi. Il-verriet huwa għalhekk responsabbli għad-djun kollu, iżda biss sal-valur tal-proprjetà li jirċievi fil-wirt.

Ir-rinunzja ta' wirt qatt ma tiġi preżunta u trid tiġi dejjem espressa. Sabiex tkun eżegwibbli kontra parti terzi, trid tiġi mibgħuta jew ippreżentata quddiem il-qorti li fil-ġuriżdizzjoni tagħha ġiet miftuħa s-suċċessjoni (l-Artikolu 804 tal-Kodiċi Ċivili). Il-verrieta li jirrinunzjaw għall-wirt jitqiesu li qatt ma kienu werrieta.

Il-preskrizzjoni għad-dritt ta' werriet li jaċċetta jew jirrinunzja wirt hija ta' 10 snin, imbagħad wara l-werriet jitqies li rrinunzja għall-wirt. Madankollu, werriet jista' jiġi ordnat jiddeċiedi (l-Artikolu 771 tal-Kodiċi Ċivili) u f'dan il-każ irid iwieġeb fi żmien xahrejn. Wara dan il-perjodu ta' riflessjoni, jekk werriet ma jkunx ħa deċiżjoni, huwa jitqies li aċċetta l-wirt mingħajr il-benefiċċju tal-inventarju.

Il-prinċipju fil-liġi Franċiża huwa r-riżoluzzjoni bonarja tal-wirt, mingħajr intervent mill-qorti. Il-qorti tista' tintalab tintervjeni biss jekk ikun hemm tilwim bejn il-werrieta.

Fil-biċċa l-kbira l-ftehim fuq wirt jinkiseb bl-għajnuna ta' nutar. Madankollu, f'ċerti ċirkostanzi jista' jintlaħaq ftehim fuq wirt mingħajr nutar, partikolarment jekk il-proprjetà tad-*decujus* ma tinkludix proprjetà immobbli. Meta l-werrieta jikkonsultaw nutar, dan ikun tal-għażla tagħhom. Jekk il-werriet ma jaqblux fuq liema nutar iqabbd, kulħadd jista' juża n-nutar tiegħu stess jekk ikun jixtieq.

Kif jintgħażel in-nutar, il-pass li jmiss huwa d-determinazzjoni tal-kompożizzjoni tal-assi tad-*decujus*, f'dak li jikkonċerna r-reġim ta' proprjetà matrimonjali tad-*decujus*, rigali preċedenti, eċċ. Sabiex jistabbilixxi l-kontenut tal-wirt li jrid jiġi kkunsidrat kollu, in-nutar jikkuntattja diversi organizzazzjonijiet (kumpaniji tal-assikurazzjoni, banek, eċċ.) u jistaqsi lill-werrieta biex iwettqu valutazzjoni tal-proprjetà immobbli u l-assi l-oħra mhux ikkwotati fuq il-borża. Jista' jkun meħtieġ ukoll inventarju tal-proprjetà mobbli. L-obbligi jiġu determinati permezz ta' lista tad-djun tad-*decujus*, sew jekk dawn ikunu fatturi sempliċi, taxxi dovuti, assistenza soċjali li tista' titħallas lura, garanziji jew pagamenti ta' kumpens lil ekskonjuġi.

Immedjatament wara l-mewt, il-werrieta jsiru koproprietarji tal-assi kollha fil-wirt sakemm tinqasam il-proprjetà. Bħala koproprietarji, huma responsabbli wkoll għad-djun fl-istess proporzjon. Dwar il-bejgħ tal-koproprietà (magħruf bħala disponiment) irid ikun hemm qbil unanimu. Min-naħa l-oħra, l-atti amministrattivi jistgħu jsiru b'maġġoranza ta' mill-inqas tliet kwarti tas-sjeda konġunti. Barra minn hekk, kull koproprietarju jista' jiehfu l-miżuri neċessarji biex iżomm il-proprjetà konġunta. F'każ ta' nuqqas ta' ftehim, il-kwistjoni tista' titressaq il-qorti sabiex tingħeleb il-fteġa ta' awtorizzazzjoni ta' wħud mill-koproprietarji. Id-diviżjoni tal-proprjetà fil-wirt bejn il-werrieta għib fi tmiehma l-koproprietà. Din id-diviżjoni ssir b'mod bonarju jekk il-benefiċċjarji lkoll jaqblu (il-prinċipju ġenerali, l-Artikolu 835 tal-Kodiċi Ċivili) jew wara proċedimenti legali f'każ ta' nuqqas ta' qbil, bl-involviment ta' nutar (l-eċċezzjoni, l-Artikolu 840 tal-Kodiċi Ċivili). Barra minn hekk, id-diviżjoni tista' tkun sħiħa jew parzjali jekk ċerti assi jkollu jinżammu b'mod konġunt (il-proprjetà bl-użufrutt, pereżempju). Kwalunkwe werriet jista' jitlob id-diviżjoni tal-proprjetà (l-Artikolu 815 tal-Kodiċi Ċivili). Il-kreditur ta' koproprietarju wkoll jista' jitlob din id-diviżjoni (l-Artikolu 815-17 tal-Kodiċi Ċivili).

Dan l-aħħar stadju fis-saldu tal-wirt jeħtieġ ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-proprjetà lill-werrieta. B'hekk, jinħtieġu ċertifikati ta' sjeda bħala prova li l-werrieta huma s-sidien il-ġodda tal-proprjetà, kemm jekk din tikkonsisti fi proprjetà immobbli, ishma f'soċjetajiet (*sociétés civiles*), vetturi jew titoli. F'każ ta' proprjetà immobbli, il-werrieta jridu jipubblikaw iċ-ċertifikati tas-sjeda fir-reġistru tal-artijiet. L-istess japplika għal ishma f'soċjetajiet, fejn iċ-ċertifikati jridu jiġu rreġistrati mar-reġistru tal-qorti kummerċjali u tal-kumpaniji (*tribunal du commerce et des sociétés*).

Jekk il-proprjetà ma tinqasamx, il-werrieta jibqgħu koproprietarji.

7 Kif u meta wieħed isir werriet jew legatarju?

Skont il-liġi Franċiża, mal-mewt ta' persuna, jibda l-proċess ta' suċċessjoni u l-werrieta indikati mil-liġi awtomatikament isiru koproprietarji tal-proprjetà fil-wirt. Dawn il-werrieta għandhom dritt awtomatiku għall-proprjetà, għad-drittijiet u l-miżuri tad-*decujus* (l-Artikoli 720 u 724 tal-Kodiċi Ċivili), li fil-prinċipju jippermettilhom li immedjatament jieħdu l-pussess fiżiku tal-assi fil-wirt. Madankollu, ikunu għadhom iridu jiddeċiedu jekk jaċċettawx is-suċċessjoni mingħajr il-benefiċċju tal-inventarju, jekk jaċċettawx il-wirt sal-valur tal-assi netti jew jekk jirrinunzjaw għall-wirt (ara l-ispejgazzjoni fil-mistoqsija nru 6).

Il-legatarji universali u d-donatarji għandhom dan id-dritt biss jekk ma hemmx werrieta intitolati għall-porzjon riservat (l-Artikolu 1006 tal-Kodiċi Ċivili). Jekk hemm werrieta intitolati għall-porzjon riservat, iridu jiġu mitluba jikkonsenjaw il-legat (l-Artikolu 1004 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-legatarji b'titolu ġenerali u l-legatarji individwali jridu jikkuntattjaw lill-werrieta li għandhom dritt awtomatiku (l-Artikoli 1011 u 1014 tal-Kodiċi Ċivili). Huwa permezz tagħhom li jiksbu l-legat tagħhom.

L-istat (każijiet ta' escheat) irid jingħata l-pussess tal-wirt. L-istat imbagħad jiġi rappreżentat mill-uffiċċju tal-istat għall-proprjetà (*Administration des domaines*).

8 Il-werrieta huma responsabbli għad-djun tal-mejjet, u jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

Werriet universali jew werriet b'titolu ġenerali li jaċċetta l-wirt mingħajr il-benefiċċju tal-inventarju huwa responsabbli mingħajr limitu għad-djun u l-piżijiet fuq il-wirt. Huwa marbut bil-legati ta' somom ta' flus biss sal-valur tal-assi netti tal-wirt mingħajr id-dejn (l-Artikolu 785 tal-Kodiċi Ċivili).

Meta jkun hemm diversi werrieta, kull wieħed minnhom ikun marbut personalment bid-djun u l-piżijiet fuq il-wirt skont sehem mill-wirt (l-Artikolu 873 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-werrieta li jkunu għażlu l-aċċettazzjoni mingħajr il-benefiċċju tal-inventarju huma responsabbli għad-djun u l-piżijiet kollha tad-*decujus*. Madankollu, jistgħu jitlobu li jinħelsu mill-obbligu tagħhom b'mod sħiħ jew parzjali għal dejn fil-wirt jekk, meta nfetħet is-suċċessjoni, setgħu ma kinux jafu b'dak id-dejn u l-pagament tad-dejn jista' jippreġudika serjament l-assi proprji tagħhom.

• Jekk jkunu aċċettaw il-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju, jiġifieri sal-valur tal-assi netti tagħhom, il-werrieta huma marbuta biss bid-dejn fuq il-wirt sal-valur tal-proprjetà li jkunu wirtu.

• Il-werrieta li jkunu rrinunzjaw għall-wirt mhumiex marbuta bid-dejn.

9 Liema huma d-dokumenti u/jew l-informazzjoni normalment meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

Skont l-Artikolu 710-1 tal-Kodiċi Ċivili, il-kuntratti awtentiċi eżegwiti minn nutar li jista' jipprattika fi Franza, deċiżjonijiet tal-qorti, u dokumenti uffiċjali maħruġa minn awtorità amministrattiva biss jistgħu jintużaw għall-formalitajiet tar-reġistrazzjoni tal-art.

Fejn hemm inkluzja proprjetà immobbli fil-wirt, in-nutar irid ifassal ċertifikat nutarili jew "ċertifikat tal-proprjetà immobbli". Dan il-kuntratt awtentiku jirreġistra t-trasferiment tas-sjeda tal-proprjetà immobbli lill-werrieta. It-trasferiment irid jiġi rreġistrat mar-reġistru tal-artijiet (*service de publicité foncière*). Il-valur tal-proprjetà irid jiġi ddiġarjat mill-werrieta u indikat fil-kuntratt. Irid jikkorrespondi mal-prezz tas-suq.

9.1 Il-ħatra ta' amministratur hija obligatorja jew issir obligatorja wara li ssir it-talba? Jekk hija obligatorja jew obligatorja fuq talba, x'inhuma l-passi li għandhom jittieħdu?

L-intervent ta' amministratur mhux previst jew meħtieġ mil-liġi Franċiża. Madankollu huwa possibbli jekk jiġi maħtur mill-qorti. Il-werrieta għandhom l-obbligu li jagħtu informazzjoni lir-reġistri tal-artijiet, bl-għajnuna tan-nutar. Id-*decujus* jista' jaħtar eżekutor testamentarju, bis-setgħat tiegħu mniżżla fl-Artikolu 1025 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili.

9.2 Min huwa intitolat li jesegwixxi d-dispożizzjoni testamentarja mal-mewt tal-persuna u/jew li jamministra l-patrimonju?

L-amministrazzjoni tal-wirt u d-disponiment huma r-responsabbiltà tal-werrieta. F'każ ta' tilwim, il-qorti reġjonali tal-post fejn tinfetaħ is-suċċessjoni għandha l-ġuridizzjoni.

Il-qorti tista' taħtar amministratur għall-wirt biex jirrappreżenta lill-werrieta kollha sa fejn jippermettulu s-setgħat mogħtija lilu (l-Artikolu 813-1 tal-Kodiċi Ċivili). Il-liġi Franċiża tipprevedi wkoll tipi oħra ta' awtorità għall-amministrazzjoni ta' wirt, b'mod partikolari l-prokura (l-Artikolu 812 tal-Kodiċi Ċivili) tad-*decujus* wara mewtu li tippermetti l-ħatra ta' amministratur biex jamministra jew jieħu f'isieb parti mill-wirt għall-werrieta. L-għażliet l-oħra huma l-ħatra ta' amministratur bi ftehim (l-Artikolu 813 tal-Kodiċi Ċivili), li hija soġġetta għar-regoli tal-liġi ordinarja, u fl-aħħar nett l-awtorità mogħtija mill-qorti, kif imsemmi aktar 'il quddiem.

9.3 X'setgħat għandu amministratur?

Il-verrieta bi dritt awtomatiku għall-proprjetà, id-drittijiet u l-miżuri tad-*decujus* għandhom setgħat sħaħ. F'każ ta' problema jew nuqqas ta' qbil, il-kwistjoni tista' titressaq il-qorti u jista' jinħatar amministratur. F'dak il-każ, l-amministratur ikun responsabbli għall-organizzazzjoni proviżorja tal-wirt minħabba nuqqas ta' miżuri, kontumaċja jew żball minn werriet wieħed jew aktar. Ir-rwol tiegħu jikkonsisti fit-tweqqif ta' atti ta' konservazzjoni, superviżjoni u amministrazzjoni marbuta mal-wirt (l-Artikoli 813-4). Fil-limiti tas-setgħet mogħtija lilu, l-amministratur jista' jaġixxi wkoll għall-verrieta kollha f'atti ċivili u ġudizzjarji (l-Artikolu 813-5 tal-Kodiċi Ċivili).

10 Liema dokumenti huma tipikament maħruġa skont il-liġi nazzjonali matul jew fl-aħħar tal-proċedimenti ta' suċċessjoni li jippruvaw l-istatus u d-drittijiet tal-benefiċjarji? Għandhom effetti evidenzjarji speċifiċi?

Skont il-liġi Franċiża, id-dikjarazzjoni statutorja (*acte de notoriété*) huwa dokument li normalment jiffassal minn nutar biex jiġi ppruvat l-istatus ta' werriet (l-Artikolu 730-1 tal-Kodiċi Ċivili), għalkemm dan l-istatus jista' jiġi ppruvat b'mezzi oħra. Id-dikjarazzjoni statutorja hija dokument uffiċjali li jidentifika lill-verrieta u l-ishma tagħhom fil-wirt. Għal dik ir-raġuni, il-qraba tad-*decujus* iridu jaġħtu lin-nutar id-dokumenti li jidentifikaw lill-membri tal-familja involuti fis-suċċessjoni (ktieb bir-rekords tal-familja (*livret de famille*), kuntratt ta' żwieġ, sentenza ta' divorzju, eċċ). Id-dikjarazzjoni statutorja titqies bħala awtorevoli sakemm ma jiġix pruvat mod ieħor. Hija tista' tiġi sostitwita minn ċertifikat ta' suċċessjoni sempliċi ffirmat mill-verrieta għal wirtijiet żgħar.

Fejn meħtieġ, in-nutar jista' jfassal strument li jniżżel l-għażla li tkun saret rigward is-suċċessjoni (*acte d'option successorale*) u ċertifikat ta' proprjetà immobbli.

Is-suċċessjoni tintemm bid-diviżjoni tal-proprjetà, li ħafna drabi tiġi reġistrata f'kuntratt ta' diviżjoni (*acte de partage notarié*).

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu [l-feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.




Your
Europe

This webpage is part of an EU quality network

L-aħħar aġġornament: 14/12/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.